MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tas-16 ta' April, 2015

Rikors Numru. 504/2014

**Fl-atti tar-Rikors Guramentat 163/2014 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 297/14 fl-ismijiet**

**Green Skip Services Limited (C-13893)**

**vs**

**Adrian Falzon u Michelle Falzon Cordina**

**(detentrici tal-karta ta' l-identita` numru 4456722 (M))**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors tas-sekwestrata Michelle Falzon Cordina datat l-10 ta' Gunju, 2014, li permezz tieghu esponiet sintetikament is-segwenti:

1.1. Illi s-socjeta` fuq indikata otteniet il-hrug tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju in dizamina, wara li allegatament l-intimat Adrian Falzon fuq riferit approprja ruhhu min flejjes appartenenti lill-istess socjeta`;

1.2. Illi r-rikorrenti sekwestrata odjerna kienet kompletament estranea ghall-akkadut;

1.3. Illi l-imsemmi Adrian Falzon miet fl-20 ta' Frar, 2014, bir-rikorrenti odjerna tirrinunzja ghall-wirt ta' l-istess;

1.4. Illi r-rikorrenti odjerna m'ghandiex taghmel tajjeb ghal agir t'indole kriminali ta' zewgha;

1.5. Illi r-rikorrenti ghandha dhul limitat hafna;

1.6. Illi ghalhekk il-mandat *de quo* mhux *prima facie* gustifikat;

1.7. Illi ghaldaqstant aderiet din il-qorti biex din:

1.7.1. Tirrevoka l-mandat ta' sekwestru in dizamina;

1.7.2. U dan, *ai termini* ta' l-artikli 836(1) (d) u (e) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2.0. Rat ir-risposta tas-socjeta` hawn intimata *Green Skip Services Limited* datata l-14 ta' Lulju, 2014, li permezz taghha sintetikament wiegbet is-segwenti:

2.1. Illi l-kawza principali ghadha fi stadju prematur u ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti odjerna ghandhom jigu michuda;

2.2. Illi l-misapproprijazzjoni in dizamina saret ghall-beneficcju tal-komunjoni ta' l-akkwisti, u ghalhekk ghall-beneficcju dirett tar-rikorrenti odjerna;

2.3. Illi d-disposizzjonijiet indikati mir-rikorrenti odjerna huma insostenibbli u inapplikabbli;

2.4. Illi ghalhekk is-socjeta` hawn intimata qed tapponi ghat-talba tar-rikorrenti u allura, l-qorti ghandha tichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez;

3. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

4. Semghet ix-xhieda prodotta;

5.0. Rat in-nota konguntiva tal-partijiet datata d-9 t'April, 2015, li permezz taghha sintetikament iddikjaraw is-segwenti:

5.1. Illi r-rikorrenti odjerna qed tillimita t-talba taghha kif kontenuta fir-rikors promotur datat l-10 ta' Gunju, 2014, unikament ghas-segwenti:

5.1.1. Elfejn mija u erbatax -il Ewro u tmienja u tmenin centezmu, (€2,114.88), mis-somma depozitata taht l-awtorita` tal-qorti, cedola numru 345/14, *stante* li l-ammonti involuti kienu originarjament rikavati minn kont bankarju ma' *Banif Bank Malta p.l.c.* bin-numru 00172146182, intestat Ms. Michelle Cordina, appartenenti lil bintha minuri Deborah Cordina (46898 M);

5.1.2. Illi s-socjeta` *Green Skip Services Limited* ma ssibx oggezzjoni li l-ammonti t'elfejn mija u tmienja u erbghin Ewro u tnejn u hamsin centezmu, (€2,148.52), u mitejn u wiehed u tletin Ewro u hamsa u tmenin centezmu, (€231.85), jigu liberament zbankati mir-rikorrenti odjerna Michelle Falzon Cordina ghan-nom ta' bintha Deborah;

5.1.3. Illi in vista tal-premess jaqblu li l-imsemmija rikorrenti Michelle Falzon Cordina, ghan-nom ta' bintha Deborah, tigi awtorizzata tizbanka s-segwenti:

5.1.3.i. L-ammont t'elfejn mija u erbatax –il Ewro u tmienja u tmenin centezmu, (€2,114.88), mis-somma globali depozitata permezz tac-cedola numru 345/14;

5.1.3.ii. L-ammont ta' mitejn wiehed u tletin Ewro u hamsa u tmenin centezmu, (€231.85), mis-somma globali li giet depozitata permezz tac-cedola numru 313/14;

5.1.4. Illi salv is-suespost, ir-rikorrenti odjerna Michelle Falzon Cordina qeghda formalment tirtira w ccedi t-talbiet l-ohra kontenuti fir-rikors promotur minnha inoltrat datat l-10 ta' Gunju, 2014;

5.1.5. Illi l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 297/14 ghandu jibqa` fis-sehh;

5.1.6. Illi l-ispejjez tal-procedura odjerna ghandhom ikunu a karigu tar-rikorrenti odjerna Michelle Falzon Cordina;

Ikkunsidrat:

6. Illi din il-qorti m'ghandha l-ebda oggezzjoni ghal ftehim fuq indikat u ghalhekk tiddikjara li qed tistrieh fuqu;

**DECIDE:**

7.0. Illi konsegwentement, a bazi ta' l-istess ftehim hekk konsolidat:

7.1. Tawtorizza lir-rikorrenti Michelle Falzon Cordina biex tizbanka, ghan-nom ta' bintha Deborah is-segwenti ammonti:

7.1.1. Elfejn mija u erbatax -il Ewro u tmienja u tmenin centezmu, (€2,114.88), mis-somma globali depozitata permezz tac-cedola numru 345/2014; u

7.1.2. Mitejn wiehed u tletin Ewro u hamsa u tmenin centezmu, (€231.85), mis-somma globali depozitata permezz tac-cedola numru 313/2014;

7.2. Illi tenut kont li mill-bqija, l-istess rikorrenti odjerna formalment irtirat u cediet it-talbiet l-ohra kontenuti fir-rikors promotur odjern datat l-10 ta’ Gunju, 2014, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ l-istess;

7.3. Bl-ispejjez ta’ din il-procedura kontra r-rikorrenti Michelle Falzon Cordina.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------